**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 409 tas-27 ta' Ġunju 2016 fuq punt imqajjem mill-Kap tal-Oppożizzjoni dwar tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 26048**

Fis-Seduta 408 tat-22 ta' Ġunju 2016 is-Sedja ġiet indirizzata mill-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Simon Busuttil, fejn talab hekk:

> **"ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Sur President, ippermettili nagħmel referenza għal mistoqsija parlamentari 26048 li fiha l-Onor. Kollega Silvio Schembri staqsa lill-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili**:**
>
> > "Tista' l-Ministru tagħti lista ta' konsulenzi jew kumpaniji lokali jew barranin li l-Malta-EU Information Centre għamlet użu minnhom sena b'sena?"
>
> Kif naħseb li taf, Sur President, il-Malta-EU Information Centre kont immexxih jien u allura din hija mistoqsija dwari. Il-Ministru poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra skeda ta' ħlasijiet li hi qiegħda tgħid li saru mill-Malta-EU Information Centre, u allura minni, li hija kompletament żbaljata. Din hija skeda ta' ħlasijiet li dak iż-żmien saru mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u mhux mill-Malta-EU Information Centre. Ma nippretendix li l-Ministru ma tiċċekkjax sew u tagħti tabella - hawnhekk għandi tliet faċċati, kapaċi hi itwal - li hija kompletament żbaljata. Għalhekk nitolbok tidħol fil-każ sabiex titlob lill-Ministru tbiddel l-informazzjoni żbaljata li tat. Grazzi, Sur President."

Hawnhekk is-Sedja rringrazzjat lill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni u qalet hekk:

> **"MR SPEAKER:** Grazzi. Is-Sedja ħadet nota ta' dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni u se nara x'jista' jsir min-naħa tas-Sedja."

Is-Sedja rat illi l-Kap tal-Oppożizzjoni kien qed jagħmel referenza għal domanda parlamentari 26048 li saret fl-10 ta' Ġunju 2016 u li twieġbet fis-Seduta 405 tal-21 ta' Ġunju 2016 fis-6.00 p.m. bit-titolu 'Malta-EU Information Centre – Lista ta' Konsulenti'.

Id-domanda li saret mill-Onor. Silvio Schembri lill-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, l-Onor. Helena Dalli, tgħid hekk:

> "Tista' l-Ministru tagħti lista ta' konsulenti jew kumpaniji ta' konsulenti, lokali jew barranin, li l-Malta-EU Information Centre għamel użu minnhom sena b'sena, matul is-snin kollha li dam jopera? Fiex kienu jikkonsistu s-servizzi li ngħataw f'kull każ u kemm kienu l-ħlasijiet? Jista' jgħid ukoll jekk kull servizz mogħti ngħatax b'*direct order* jew le?"

It-tweġiba li tat il-Ministru kienet hekk:

> "Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba."

Is-Sedja rat li d-dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jikkonsisti fi tliet paġni li fihom hemm miktub: "PQ 26048, Malta-EU Information Centre; Lista ta' Konsulenti/Kumpaniji ta' Konsulenti". Il-lista ta' konsulenti, kumpaniji ta' konsulenza jew persuni li taw konsulenza qegħdin kollha indikati f'din il-lista li fiha dawn il-kolonni: *Name; Date; Company Name/Consulent; Cost of Work in Lm; Cost of Work in €; Description of the Job the*

*Company Carried Out; Direct Order/Tender*. F'din il-lista s-Sedja rat dwar in-numru ta' konsulenti huma kollha indikati f'din il-lista twila li rreferiet għaliha s-Sedja proprju issa.

Qabelxejn nixtieq ninnota li t-talba tal-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni ma kenitx fil-mument li wieħed jirreferi għalih bħala '*the first opportunity'*, u dan b'referenza għall-Ordni Permanenti 36 li jgħid li l-ewwel opportunità biex jitressaq dan il-każ trid tkun fl-ewwel seduta li ssegwi meta saret id-domanda parlamentari. Dan qed jingħad peress li d-domanda 26048 saret fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2016 ta' filgħaxija u l-ewwel opportunità kellha tkun fil-ġurnata tat-22 ta' Ġunju 2016 fis-seduta ta' filgħodu.

Din il-proċedura dejjem ġiet segwita. Infatti hemm diversi *rulings* li taw *Speakers* preċedenti fuq din il-materja u li huma kollha koerenti, anke fl-ispirtu ta' dak li dejjem irriteniet l-istess House of Commons Ingliża li meta titqajjem kwestjoni dwar dan, inkluż dwar ksur ta' privileġġ, din għandha titqajjem fl-ewwel opportunità. Is-Sedja fil-fatt tikkwota *ruling* tal-Ispeaker Lawrence Gonzi, pereżempju, li fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 1992 fid-deċiżjoni tiegħu dwar ksur ta' privileġġ kien qal hekk:

> "Skont l-Ordni Permanenti 36 l-ewwel opportunità biex jitressaq dan il-każ kienet dakinhar li ngħatat it-tweġiba u għalhekk il-kwestjoni ma setgħetx titqanqal fis-seduta ta' wara, ċjoè s-7 ta' Ottubru u għalhekk il-mozzjoni ma tistax titressaq."

Dan il-każ kien dwar każ li kien qajjem l-Onor. George Vella dwar risposta għal mistoqsija parlamentari 4728 mogħtija mill-Ministru għall-Ambjent fis-seduta tal-5 ta' Ottubru tal-istess sena.

L-istess direzzjoni kienet ittieħdet f'*ruling* mogħti mill-Ispeaker Louis Galea fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2009 li wkoll kien jittratta mistoqsija parlamentari u żgwidar tal-Kamra. Fil-fatt, b'referenza għall-pubblikazzjoni tal-Hansard, *Parliamentary Questions (Question of Privilege)*, Vol. 64 fejn paġna 1,185 sa 1,189 hemm ċar li meta jitqajjem ksur ta' privileġġ dwar risposti ta' domandi parlamentari, dan għandu jsir minnufih, jiġifieri meta tispiċċa d-domanda u r-risposta jew il-*question time*.

Din hija konsonanti anke mal-interpretazzjoni tal-Ordni Permanenti 36 tal-Kamra tad-Deputati. Fil-fatt, is-Sedja tagħmel referenza wkoll għar-*ruling* mogħti mill-istess Sedja fis-Seduta 39 tas-26 ta' Ġunju 2013.

Min-naħa l-oħra qed jingħad li l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni ma qajjimx ksur ta' privileġġ u lanqas għamel referenza għall-Kap. 113, subinċiż (1) tas-subartiklu (4) tal-artiklu 11 dwar jekk il-Kamra hijiex a konjizzjoni ta' dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq il-Kamra jew lill-Kumitat. Anzi hu talab illi:

> "Is-Sedja tidħol fil-każ biex tiġi mbiddla l-informazzjoni żbaljata li tat."

U kien qed jirreferi għall-Ministru Helena Dalli. Allura mhuwiex il-każ li s-Sedja tidħol fuq *misconduct of members of offices* kif huwa indikat fl-*Erskine May, 24th Edition* f'paġna 254 fejn il-House of Commons jgħid:

> "*The House of Commons may treat the making of a deliberately misleading statements as a contempt. In 1963 the House resolved that in making a personal*

*statement which contained words which he later admitted not to be true, a former Member had been guilty of a grave contempt.*"

Li dan mhuwiex il-każ. Il-każ hawnhekk jittratta informazzjoni dettaljata dwar persuni jew soċjetajiet illi huma indikati bħala lista ta' konsulenti, kumpaniji ta' konsulenti u mbagħad hemm referenza għall-Malta-EU Information Centre. Fid-dokument ma hemmx lanqas min effettwa l-ħlas imma hemm indikat kemm ġie jiswa l-ħlas għal kull konsulent li jidher li ladarba l-lista ta' konsulenti u kumpaniji ta' konsulenti bħala *paper laid* tal-PQ 26048 huma allaċjati mal-Malta-EU Information Centre. Dik hija l-informazzjoni li tat il-Ministru mingħajr ma għamlet l-ebda kumment; sempliċement poġġiet id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.

Is-Sedja minkejja li din ma saritx fl-ewwel opportunità u mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Ordni Permanenti 36, xorta se tidħol fuq dak li qed jagħmel referenza għalih l-Onor. Simon Busuttil u se tara wkoll x'tista' u xi proċedura tista' tiġi segwita min-naħa tal-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni fuq dak li talab lill-istess Sedja.

Fil-fatt, is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal *ruling* li tat fis-Seduta 192 tat-28 ta' Ottubru 2014 li jittratta punt simili għal dak li rrefera għalih il-Kap tal-Oppożizzjoni kienet għamlet referenza għall-Kap. 8 dwar *parliamentary privileges* li huwa pubblikazzjoni Indjana li jimxi fuqu wkoll il-Parlament Indjan, '*Rajya Sabha at Work*'. Prattikament f'paġna 234 fejn f'dan ir-*ruling* ġie kkwotat hekk:

> "*If any statement is made on the floor of the House by a member or Minister which another member believes to be untrue, incomplete or incorrect, it does not constitute a breach of privilege. If an incorrect statement is made, there are other remedies by which the issue can be decided. In order to constitute a breach of privilege or contempt of the House, it has to be proved that the statement was not only wrong or misleading but it was made deliberately to mislead the House."*

M'hemmx dubju li l-Kap tal-Oppożizzjoni ma kienx qed jitlob hawnhekk li hemm ksur ta' privileġġ jew inkella li l-Ministru kienet qiegħda b'mod intenzjonat *misleading the House*. Min-naħa l-oħra fl-istess *ruling* li tat is-Sedja ċċitat hawn fuq, qalet hekk:

> "Dan ifisser li anke jekk Membru qed jinterpreta fatt li hu jħoss li mhuwiex korrett jew li saħansitra li mhu korrett xejn ma jfisser xejn li dak il-Membru jħoss hekk ladarba l-fatti kif inhuma mqiegħda u l-mod kif spjegahom l-istess Ministru wasslu lis-Sedja biex hi stess ma tkunx konvinta li l-Ministru b'xi mod ried iqarraq lill-Kamra."

Dan ukoll mhuwiex il-każ. Il-każ jibqa' li l-Kap tal-Oppożizzjoni qed jgħid li skorrettezza dwar kif ġie ppreżentat id-dokument fejn l-interpretazzjoni tad-dokument tista' tagħti x'wieħed jifhem li l-ħlas għal dawn il-konsulenzi kien qed isir mill-Malta-EU Information Centre li dak iż-żmien kien imexxiha l-Kap tal-Oppożizzjoni meta effettivament l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni qed jgħid u jinsisti li saru mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin.

Hawnhekk huwa suġġett ta' kif saret ir-risposta parlamentari permezz ta' dokument li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra peress li l-Ministru kulma qalet kien sempliċement:

> "Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba."

Li huwa dokument li saret referenza għalih mill-Kap tal-Oppożizzjoni.

Hawnhekk is-Sedja se tagħmel ukoll referenza għal dak li ġie ċitat li tat l-istess Sedja fis-Seduta 326 tas-17 ta' Novembru 2015 dwar dak li kien iddeċieda l-Ispeaker tal-House of Commons John Bercow eżattament fis-seduta parlamentari tat-28 ta' Novembru 2001 li huwa indikat fil-*House of Common Debates, Vol. 375 C971*, meta nqalgħet il-kwestjoni dwar risposti parlamentari għal domandi li jistgħu jinħassu li mhumiex korretti, preċiżi, jew jistgħu jagħtu suspett li l-fatti mhumiex daqshekk ċari jew addirittura li mhumiex veritieri. Hawnhekk l-iSpeaker Bercow qal hekk u nikkwota:

> "*It would be unwise for me to express a view on the adequacy of a particular Ministerial answer. There are bound to be two views on that, and neither is a matter for me."*

Is-Sedja kompliet tgħid hekk u nikkwota:

> "Hawnhekk l-Ispeaker kien qed jgħid li meta tinqala' kwestjoni bħal din, l-Ispeaker ikun ferm prużuntuż, jekk mhux avventuruż, li jipprova jasal waħdu għal liema huma l-fatti veri għaliex il-probabbiltà hija li jkun hemm żewġ veduti differenti. Għalhekk, l-istess Speaker jgħid hekk:
>
> > "*While it is for the House at large, not the Chair alone, to hold Ministers to those obligations, I can best discharge my responsibilities by suggesting ways in which Members might help themselves."*

Fil-fatt, is-Sedja tagħmel referenza wkoll għall-24 Edizzjoni tal-*Erskine May* paġna 368 li jgħid hekk:

> *"When factual mistakes are discovered in an answer to a question, ministers may submit written ministerial corrections for publication in the official report. Such corrections are required to be free standing and should not be used to provide new information, however closely related to the original proceeding. Nor should they be used to rehearse the arguments which may have given rise to the original erroneous answer. This procedure has replaced the previous mechanisms of correcting mistakes in an earlier answer by providing a 'pursuant' answer. When Ministers wish to make a correction in terms which would not comply with the criteria relating to written ministerial corrections, they may do so by means of a written ministerial statement. Such statements are published in the official report."*

Min-naħa l-oħra s-Sedja hija wkoll marbuta ma' dak li jgħidu l-Ordnijiet Permanenti, kif fil-fatt qalet l-istess Sedja fir-*ruling* li tat fis-Seduta 365 tas-7 ta' Marzu 2016 u nikkowta:

> "Kif indikat aktar 'il fuq, is-Sedja tirrileva li kif deċiż diversi drabi kemm minn din is-Sedja kif ukoll minn *Speakers* preċedenti, is-Sedja ma tista' bl-ebda mod tindaħal fir-risposta li tingħata mill-Ministru. L-istess *rulings* attribwew dan għall-fatt li filwaqt li l-Ordnijiet Permanenti jispeċifikaw f'ċertu dettall l-għemil ta' interpellanza, huma siekta dwar it-tweġibiet li jingħataw mill-Ministri. Kien għalhekk li f'numru ta' *rulings* saret ukoll referenza għall-prattiċi tal-*House of Commons* tar-Renju Unit skont l-Ordni Permanenti 197, liema prattiċi kkoraboraw dan l-istat ta' fatt.

Is-Sedja hawnhekk tirreferi wkoll għall-pubblikazzjoni Nru 04148 tal-House of Commons maħruġa fis-6 ta' Mejju 2015 intitolata *Parliamentary Questions: Recent Issues* minn Mark Sandford, fejn jingħad dan li ġej:

> *"There are no formal appeal rights regarding answers that are considered by Members to be incomplete or otherwise unhelpful. In recent years, a number of Members have raised Points of Order because they have considered the answers they received to be inadequate. The Speaker's responses have referred to the standard routes open to Members: tabling further questions; complaining to the Procedure Committee (see section 2 below); seeking an adjournment debate; and writing to Ministers.'"*'

Abbażi ta' dan is-Sedja tħoss li fiċ-ċirkostanzi ta' dak li staqsa l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni u għall-fatt li kif diġà ddefiniet is-Sedja, ladarba hawnhekk qed nitkellmu fuq informazzjoni korretta jew mhux korretta li qed jallega u jinterpreta l-Kap tal-Oppożizzjoni fit-tweġiba għad-domanda li għamel referenza għaliha, u anke għall-fatt li s-Sedja, kif diġà qalet f'diversi *rulings* u anke f'*rulings* li taw *Speakers* preċedenti, hija m'għandha l-ebda mansjoni fuq il-kontenut tat-tweġiba mogħtija mill-Ministru. Is-Sedja tirrileva illi għal dak mitlub min-naħa tal-Kap tal-Oppożizzjoni, ladarba hemm dan in-nuqqas ta' poter tas-Sedja fuq il-kontenut tat-tweġibiet għall-interpellanzi parlamentari, li wkoll huwa rifless anke fil-Parlament Ingliż, għalkemm hemm fl-aħħar hemm forma ta' rimedju taħt il-*Procedures Committee,* liema rimedju però fil-proċedura parlamentari Maltija ma jeżistix. Is-Sedja tħoss li huwa importanti li wieħed jara u jifli kif wieħed jista' jiżviluppa din il-materja ta' proċedura meta jkun hemm reviżjoni tant meħtieġa tal-Ordnijiet Permanenti ta' pajjiżna. Is-Sedja qiegħda tgħid u tissolleċita wkoll illi jew (1) jagħmel domanda parlamentari lill-istess Ministru kkonċernata biex jitlob aktar informazzjoni li tista' twassal għall-korrezzjoni li jista' jirreferi għal dak li qed jitlob l-istess Kap tal-Oppożizzjoni fil-*query* li qajjem fis-Seduta tat-22 ta' Ġunju 2016, jew inkella jista' wkoll (2) bħala Membru tal-Parlament fil-kariga li jokkupa bħala Kap tal-Oppożizzjoni, jagħmel hu stess il-verżjoni tiegħu tal-korrettezza dwar id-dokument imsemmi li għamel referenza għalih bħala *paper laid* fil-PQ 26048 'Malta-EU Information Centre – Lista ta' Konsulenti' u jpoġġi d-dokument bil-verżjoni tiegħu stess, bħala Kap tal-Oppożizzjoni, b'referenza għall-istess domanda mwieġba mill-Ministru, liema dokument għandu jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra mingħajr il-ħtieġa tal-permess tal-istess Kamra.

Ir-*ruling* huwa deċiż.